MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1089/2008

**Henry *sive* Eric Cachia**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2008 li permezz tiegħu l-attur premetta:

1. Illi l-esponenti twieled fl-4 ta' April, elf disa' mija u ħamsa u sittin (1965) u t-twelid tiegħu ġie reġistrat b'att numru elfejn, erba' mija u sitta (2406) ta' l-istess sena (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A).

2. Illi fl-istess att l-isem li bih għandu jissejjaħ l-esponenti ġie ndikat bħala Henry meta fil-fatt huwa dejjem

ġie msejjaħ bħala Eric, u huwa fil-fatt magħruf b'dan l-isem.

3. Illi hu jixtieq li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tiegħu fuq imsemmi u wkoll f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u għall-ulied u dixxendenti ta' l-istess.

Jgħid għalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m' għandhiex din il-Qorti tiddeċiedi billi:

1. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-istess esponenti numru 2406/1965 u dana billi l-kolonna *"isem il-wild"* flok il-kelma *"Henry"* tnizzel il-kelma *"Eric"*;

2. Tordna li l-bdil surreferit effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u għall-ulied u dixxendenti ta' l-istess esponenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-9 ta' Frar 2009, li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, pero' jirrileva li jirriżulta mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2406 tas-sena 1965 li d-dikjarant kien missier ir-rikorrent Edward Cachia.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti *stante* li d-dikjarant

fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li ddikjara u ffirma għaliha hija korretta.

3. Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jeħtieġ li r-rikorrent jispeċifika fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Atti ta' l-Istat Ċivili kollha li qed jitlob li jiġu korretti u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tat-23 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* ta' l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' l-atti ta' l-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* ta' l-artiklu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata mid-dokumenti esebiti. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, l-ispejjez tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------